**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 24 ta` Jannar, 2018.**

**Talba Nru: 548/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Bjorn Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-4 ta` Diċembru 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elfejn, seba' mija, wieħed u erbgħin Ewro u għaxar ċenteżmi (€2,741.10ċ) in konnessjoni ma' servizzi elettroniċi ta` komunikazzjoni prestati lilu fuq żewġ kontijiet bin-numri 40569841 u 40566844, li dwarhom kien ikkuntratta ma' Mobisle Communications Ltd (li ġiet amalgamata mas-soċjeta` attriċi b'effett mid-19 ta` Diċembru 2015), wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Hija talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, inklużi tal-ittra uffiċjali eżekuttiva numru 454/2017, flimkien mal-imgħax legali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta` din il-kawża (Doki. A1 u A2, fol. 2-3); (ii) kopja tal-kuntratti li s-soċjeta` attriċi ffirmat mal-konvenut (Doki. B1 u B2,

fol. 4-5); (iii) ċertifikat tal-amalgamazzjoni tal-kumpanija Mobisle Communications Limited fis-soċjeta` attriċi (Dok. B3, fol. 6); u (iv) kopja ta` ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 454/2017 (Dok. C, fol. 7).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Sema' x-xiehda ta` Maryanne Camilleri, rappreżentanta tas-soċjeta` attriċi, li kkonfermat li l-konvenut baqagħlu jħallas lill-istess soċjeta` attriċi l-ammont mitlub b'din il-kawża, għas-servizzi indikati fl-Avviż tat-Talba.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` elfejn, seba' mija, wieħed u erbgħin Ewro u għaxar ċenteżmi (€2,741.10ċ), bl-imgħax mid-data tal-Avviż tat-Talba, u bl-ispejjeż kif mitluba fl-istess Avviż.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**